SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

23 ta' Marzu 2022*

"Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Persunal tal-eu-LISA – Proċedura dixxiplinari – Sanzjoni dixxiplinari – Ċanfira – Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi – Eċċezzjoni ta' illegalità – Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal – Assenza ta' konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal – Drittijiet tad-difiża u dritt għal smigħ – Artikoli 12, 12a, 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal – Żball ta' evalwazzjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal – Dmir ta' premura – Responsabbiltà – Dannu morali"

Fil-Kawża T-661/20,

NV, irrappreżentat minn S. Rodrigues u A. Champetier, avukati,

rikorrent,

vs

L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), irrappreżentata minn M. Chiodi, bħala aġent, assistit minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2020 tal-eu-LISA li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni ta' ċanfira u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu morali li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba din id-deċiżjoni,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise u J. Martín y Pérez de Nanclares (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza [1]

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrent, NV, ġie rreklutat fis-16 ta' Ottubru 2012 mill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), bħala membru tal-persunal temporanju (grad AD 7, skala 2) fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Huwa okkupa l-pożizzjoni ta' amministratur tal-applikazzjonijiet li sar, mill-1 ta' Settembru 2019, il-pożizzjoni ta' operatur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni (grad AD 7, skala 5).

2 Fid-19 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent indika, permezz ta' messaġġ elettroniku indirizzat lil diversi destinatarji, inċident li matulu A, membru tal-persunal ieħor tal-eu-LISA u kollega tax-xogħol, kien heddu verbalment u fiżikament. B'mod iktar preċiż, dan il-membru tal-persunal qabad siġġu u hedded li jużah sabiex jolqot lir-rikorrent, qabel ma ġie interrott minn kollega ieħor.

3 Fl-istess jum, ir-rikorrent ħareġ bil-leave tal-mard u informa lill-pulizija li kien qiegħed jibża' għas-sigurtà tiegħu u għal dik tal-familja tiegħu.

4 Fil-21 ta' Ottubru 2018, wara l-inċident imsemmi fil-punt 2 iktar 'il fuq, ir-rikorrent ressaq talba għal assistenza minħabba A, abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").

5 Permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA tal-15 ta' Frar 2019, li r-rikorrent ġie informat biha l-għada, infetħet investigazzjoni amministrattiva sabiex jiġu stabbiliti l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha marbuta mal-allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku magħmula mir-rikorrent kontra A. Permezz ta' din l-istess deċiżjoni, uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea rtirat ġie maħtur sabiex imexxi l-investigazzjoni (iktar 'il quddiem l-"investigatur").

6 Fl-4 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent instema' mill-investigatur fil-kuntest tal-investigazzjoni. Matul din l-intervista, ir-rikorrent kellu l-opportunità jippreżenta l-fatti li wassluh iressaq talba għal assistenza u pprovda eżempji tal-allegati atti ta' fastidju mwettqa minn A. Ir-rendikont ta' din l-intervista mbagħad intbagħat lir-rikorrent li bagħat kopja ffirmata tiegħu lill-investigatur filwaqt li ppreċiża li dan ma kienx qiegħed jirrappreżenta t-traskrizzjoni kompleta jew integrali tal-intervista tiegħu u tal-mistoqsijiet tiegħu.

7 Fit-22 ta' Mejju 2019, ir-rikorrent ġie informat li deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA wessgħet il-kuntest tal-investigazzjoni amministrattiva sabiex tinkludi fiha nuqqasijiet ta' twettiq tal-obbligi tar-Regolamenti tal-Persunal li twettqu kemm mir-rikorrent kif ukoll minn A. Fil-fatt, deher, matul l-investigazzjoni, li r-rikorrent seta' naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu bis-saħħa tal-Artikoli 11, 12, 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal fil-konfront ta' A, iżda wkoll indipendentement mir-relazzjonijiet tiegħu ma' dan tal-aħħar. B'mod iktar preċiż, ir-rikorrent allegatament ġab ruħu b'mod li seta' jqanqal tensjonijiet ma' A, jiddeterjora l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dan tal-aħħar u jiskreditah. Barra minn hekk, ir-rikorrent, diversi drabi, aġixxa b'mod li ma huwiex xieraq fil-konfront ta' żewġ membri tal-persunal tas-sigurtà tal-eu-LISA. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent kiser l-obbligu li jitlob awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-eu-LISA qabel ma mar għand il-pulizija Franċiża sabiex jirrapporta r-relazzjoni ta' kunflitt tiegħu ma' A.

[1] Qegħdin jiġu rriprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

8 Fis-16 ta' Lulju 2019, ir-rikorrent instema' għat-tieni darba mill-investigatur. Matul din it-tieni intervista, ir-rikorrent kellu l-opportunità jipprovdi spjegazzjonijiet bi tweġiba għall-allegazzjonijiet ta' ksur tar-Regolamenti tal-Persunal ifformulati kontrih. Ir-rendikont ta' din it-tieni intervista sussegwentement intbagħtulu fit-18 ta' Lulju 2019.

9 Fit-28 ta' Lulju 2019, ir-rikorrent irċieva żewġ dokumenti addizzjonali, jiġifieri żewġ rapporti li kien fihom l-allegazzjonijiet ta' żewġ membri tal-persunal tas-sigurtà tal-eu-LISA li jikkritikaw l-aġir tiegħu fil-konfront tagħhom.

10 Fil-21 ta' Awwissu 2019, verżjoni preliminari tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' investigazzjoni ntbagħtet lir-rikorrent.

[*omissis*]

14 Fl-10 ta' Settembru 2019, l-investigatur lesta r-rapport tiegħu wara li, b'mod partikolari, sema' 27 xhud u eżamina l-osservazzjonijiet tar-rikorrent. Fir-rapport finali tiegħu, l-investigatur ikkonkluda li r-rikorrent kien ħati ta' ksur serju tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, ta' ksur okkażjonali tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' ksur tal-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[*omissis*]

16 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Novembru 2019, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA informa lir-rikorrent li, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-investigazzjoni amministrattiva, huwa kellu l-intenzjoni li jimponi fuqu ċanfira bis-saħħa tal-Artikolu 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. B'hekk ir-rikorrent ġie mistieden jeżerċita d-dritt tiegħu li jinstema' jew billi jattendi seduta fis-27 ta' Novembru 2019, jew billi jippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub. Verżjoni mħassra tar-rapport finali tal-investigazzjoni kienet mehmuża mal-ittra.

[*omissis*]

18 Fis-27 ta' Novembru 2019, is-seduta seħħet fil-preżenza tar-rikorrent u tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. Il-Konsulent Ġuridiku prinċipali, il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani u konsulent ġuridiku pparteċipaw fis-seduta permezz ta' vidjokonferenza. Matul is-seduta, ir-rikorrent kellu l-opportunità jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u jispjega ruħu fir-rigward tal-miżura ta' ċanfira prevista mid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA.

[*omissis*]

20 Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-minuti tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2019, imsemmija fil-punt 18 iktar 'il fuq, intbagħtu lir-rikorrent. Dan tal-aħħar kellu l-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'terminu ta' ħdax-il jum ta' xogħol, li huwa għamel fit-3 ta' Jannar 2020.

21 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Frar 2020 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA informa lir-rikorrent b'dan li ġej:

"Wara eżami bir-reqqa tal-fajl tiegħek u, b'mod partikolari, wara li debitament ittieħdu inkunsiderazzjoni l-preokkupazzjonijiet tiegħek u l-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħek dwar l-aspetti proċedurali tal-investigazzjoni (b'mod partikolari wara li reġa' ġie żgurat li

l-investigazzjoni ma kienet ivvizzjata b'ebda irregolarità u wara li ġie konkluż li l-[eu-LISA] ma kienet wettqet l-ebda nuqqas) kif ukoll l-osservazzjonijiet li inti bgħattilna fit-3 ta' Jannar 2020, jiddispjaċina ninformawk li aħna nimponu fuqek ċanfira li ser tissemma fil-fajl tiegħek."

22 Mingħand id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA r-rikorrent irċieva wkoll dokument tas-16 ta' Marzu 2020 intitolat "Għeluq tal-investigazzjoni miftuħa fil-15 ta' Frar 2019 – Komunikazzjoni tar-riżultat tal-investigazzjoni lil [isem ir-rikorrent]". F'dan id-dokument, ġie indikat b'mod partikolari li, wara li vverifika l-fajl komplet tar-rikorrent, id-Direttur Eżekuttiv kien wasal għall-konklużjoni li dan kien wettaq il-ksur indikat fir-rapport finali tal-investigazzjoni (ara l-punt 14 iktar 'il fuq). Skont id-Direttur Eżekuttiv, matul il-proċedura ta' investigazzjoni, id-drittijiet kollha tar-rikorrent kienu ġew irrispettati. B'hekk, kien ġie deċiż li sanzjoni ta' ċanfira kellha tiġi imposta fuqu. Fir-rigward ta' A, kien ġie kkonstatat li dan tal-aħħar kien kiser l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, proċedura simili seħħet kontra A, li, konsegwentement, kien suġġett għal sanzjoni dixxiplinari u wkoll għal ċanfira, kif previst fl-Artikolu 9 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

[*omissis*]

III. Id-dritt

30 Fil-kuntest tar-rikors tiegħu, minn naħa, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment. Min-naħa l-oħra, huwa jitlob li jikseb somma ta' EUR 5 000, stabbilita *ex æquo et bono*, bħala kumpens għad-dannu morali li huwa jallega li ġarrab minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

A. Fuq it-talbiet għal annullament

[*omissis*]

2. Fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata

34 Insostenn tat-talba tiegħu għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi adottati mill-Bord Amministrattiv tal-eu-LISA. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), kif ukoll tad-dritt għal smigħ. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 12, 12a, 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll fuq żbalji ta' evalwazzjoni. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq ksur tad-dmir ta' premura.

a) Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-illegalità tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet

35 Permezz tal-ewwel motiv tiegħu, ir-rikorrent jikkontesta l-legalità tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi, li l-proċedura ta' adozzjoni tagħhom intemmet fit-18 ta' Ottubru 2014, mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat tal-Persunal (maħluq fil-5 ta' Novembru 2014). Dawn id-dispożizzjonijiet, li issa

jinsabu fid-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-eu-LISA (2015–014) tat-28 ta' Jannar 2015 u li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva u li l-imsemmija investigazzjoni titwessa', tal-15 ta' Frar u tat-22 ta' Mejju 2019 rispettivament (ara l-punti 5 u 7 iktar 'il fuq), huma illegali.

36 B'mod iktar preċiż, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi ġew adottati bi ksur tal-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, minħabba li, kuntrarjament għall-previżjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Kumitat tal-Persunal tal-eu-LISA ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni tagħhom.

[*omissis*]

38 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, "[i]d-dispożizzjonijiet ġenerali li jimplimentaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom jiġu adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal u mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal".

39 F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-Kumitat tal-Persunal ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi minħabba li kien għadu ma ġiex ikkostitwit waqt l-adozzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet fit-18 ta' Ottubru 2014. Barra minn hekk, fil-preambolu tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5392 final tat-28 ta' Lulju 2014 dwar il-ftehim dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal adottati mill-eu-LISA, hemm indikat dan li ġej:

"Billi l-Kumitat tal-Persunal tal-eu-LISA, li għandu jiġi kkostitwit skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, għadu ma ġiex ikkonsultat u billi huwa għalhekk impossibbli, attwalment, li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-imsemmija dispożizzjoni. Il-Kumitat tal-Persunal ser ikollu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni inkwistjoni hekk kif ikun ġie kkostitwit u l-opinjoni tiegħu għandha tittieħed debitament inkunsiderazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bord Amministrattiv jista' japprova d-dispożizzjonijiet immedjatament." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

40 Qabel ma jiġi evalwat jekk il-motiv ta' illegalità mqajjem, jiġifieri l-assenza ta' konsultazzjoni mill-eu-LISA mal-Kumitat tal-Persunal tiegħu fl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi, jistax iwassal għall-konstatazzjoni tal-illegalità tal-imsemmija dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, għandha tiġi vverifikata l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-imsemmija dispożizzjonijiet u tal-motiv bħala tali.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 277 TFUE, kull parti tista', fil-kuntest ta' tilwima li ddaħħal inkwistjoni att ta' portata ġenerali adottat minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni Ewropea, tibbaża ruħha fuq il-motivi previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea l-inapplikabbiltà ta' dan l-att.

42 L-Artikolu 277 TFUE tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jiżgura lil kull parti d-dritt li tikkontesta, b'mod inċidentali, sabiex tikseb l-annullament ta' deċiżjoni indirizzata lilha, il-validità tal-atti ta' portata ġenerali li jifformaw il-bażi ta' tali deċiżjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros *et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Peress li l-Artikolu 277 TFUE ma huwiex intiż li jippermetti lil parti tikkontesta l-applikabbiltà ta' kwalunkwe att ta' portata ġenerali insostenn ta' kwalunkwe rikors, l-att li titqajjem l-illegalità tiegħu għandu jkun applikabbli, direttament jew indirettament, għall-każ li jkun is-suġġett tar-rikors (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros *et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Huwa għalhekk li, fil-kuntest ta' rikorsi għal annullament ippreżentati kontra deċiżjonijiet individwali, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li jistgħu jkunu b'mod validu s-suġġett ta' eċċezzjoni ta' illegalità d-dispożizzjonijiet ta' att ta' portata ġenerali li jikkostitwixxu l-bażi tal-imsemmija deċiżjonijiet jew li jkollhom rabta legali diretta ma' tali deċiżjonijiet (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros *et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li eċċezzjoni ta' illegalità indirizzata kontra att ta' portata ġenerali li d-deċiżjoni individwali ma kinitx tikkostitwixxi miżura ta' applikazzjoni tiegħu kienet inammissibbli (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros *et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, teżistix rabta legali diretta bejn, minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li r-rikorrent sempliċement isostni li l-kundizzjoni formali, imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Persunal qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi ma ġietx osservata. Tali allegazzjoni tqajmet wara li l-investigazzjoni kontrih kienet ingħalqet u wara li dan kien ikkonstata li, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, kienet ġiet imposta fuqu sanzjoni ta' ċanfira.

48 B'mod iktar preċiż, skont ir-rikorrent, il-fatt li l-eu-LISA ma stenniex it-twaqqif ta' Kumitat tal-Persunal sabiex tadotta d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi jimplika li dawn tal-aħħar ġew adottati bi ksur ta' "rekwiżit proċedurali essenzjali". Minn dan, ir-rikorrent jiddeduċi li d-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-15 ta' Frar 2019 li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva (ara l-punt 5 iktar 'il fuq) u d-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar tat-22 ta' Mejju 2019 li jitwessa' l-għan tal-imsemmija investigazzjoni (ara l-punt 7 iktar 'il fuq), adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi, kienu min-naħa tagħhom illegali. Fl-aħħar nett, huwa jsostni li d-deċiżjoni kkontestata, adottata wara l-investigazzjoni mwettqa skont id-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2019, għandha min-naħa tagħha titqies li hija illegali, minħabba li l-illegalità tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi twassal, abbażi ta' effett "domino", għall-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata.

49 Madankollu, kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent fit-tweġiba tiegħu għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, billi jirreferi għal sentenza tal-Qorti Ġenerali parzjalment annullata fl-appell (sentenza tat-2 ta' Ottubru 2001, Martinez *et* vs Il-Parlament, T-222/99, T-327/99 u T-329/99, EU:T:2001:242, punt 135), il-ġurisprudenza reċenti (ara l-punti 44 u 45 iktar 'il fuq) ma ssostnix l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 277 TFUE għal kull att tal-istituzzjonijiet li, b'mod ġenerali, huwa rilevanti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors għal annullament.

50 Għall-kuntrarju, mill-ġurisprudenza (ara l-punti 44 u 45 iktar ’il fuq) jirriżulta li, sabiex eċċezzjoni ta’ illegalità ta’ att ta’ portata ġenerali tiġi ddikjarata ammissibbli, għandha tiġi stabbilita “rabta legali diretta” bejn l-att ikkontestat u l-att li huwa s-suġġett tal-eċċezzjoni ta’ illegalità.

51 F’dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma hija bbażata fuq elementi marbuta mad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi, iżda biss fuq il-ksur ta’ dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, ikkonstatat fir-rapport finali tal-investigazzjoni (ara l-punti 14 u 22 iktar ’il fuq).

52 Id-deċiżjoni kkontestata ma tikkostitwixxix miżura ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi. Din id-deċiżjoni, kif issostni b’mod rilevanti l-eu-LISA, ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 9(1)(b) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u mhux abbażi tad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi.

53 Il-konstatazzjoni tal-assenza ta’ rabta legali diretta bejn id-deċiżjoni kkontestata u d-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi hija iktar u iktar evidenti jekk jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li għandha teżisti rabta stretta bejn il-motivi stess tad-deċiżjoni kkontestata u l-motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-att ta’ portata ġenerali (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta’ Diċembru 2017, PB vs Il-Kummissjoni, T-609/16, EU:T:2017:910, punt 29).

54 Issa, l-ebda rabta stretta ma tista’ tiġi rrikonoxxuta bejn, minn naħa, il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażati fuq ksur serju tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, fuq ksur okkażjonali tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq ksur tal-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara l-punt 22 iktar ’il fuq) u, min-naħa l-oħra, il-motiv ibbażat fuq l-illegalità tad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi bbażat fuq l-assenza ta’ konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal qabel l-adozzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

55 Barra minn hekk, mill-annessi tal-proċess ma jirriżultax li l-assenza ta’ konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi kellha xi effett fuq l-osservanza tal-garanziji proċedurali matul l-investigazzjoni, jew fuq il-kontenut stess tad-deċiżjoni kkontestata.

56 F’dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif ser jiġi indikat fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ tar-rikorrent, l-iżvolġiment tal-proċedura amministrattiva ma żvela l-ebda element li seta’ jippreġudika d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent (ara l-punt 91 iktar ’il quddiem). Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv, fid-dokument tas-16 ta’ Marzu 2020, jindika li huwa eżamina l-fajl sħiħ tar-rikorrent u kkonkluda li d-drittijiet ta’ dan tal-aħħar kienu ġew irrispettati matul il-proċedura ta’ investigazzjoni (ara l-punt 22 iktar ’il fuq).

57 Barra minn hekk, ċertament, l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi r-rekwiżit ta’ konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi. Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal, imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, ma timplikax li l-opinjoni tal-imsemmi kumitat għandha tiġi segwita (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta’ Lulju 2015, Murariu vs EIOPA, F-116/14, EU:F:2015:89, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta legali diretta jew stretta bejn id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi u d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex stabbilita.

59 Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-Kumitat tal-Persunal ma ġiex ikkonsultat ma huwiex biżżejjed sabiex juri li d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi setgħu kienu differenti u li r-rikorrent ġie mċaħħad minn garanziji proċedurali.

60 Fil-fatt, minbarra l-evalwazzjoni mwettqa fil-punt 57 iktar 'il fuq, mill-proċess jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi ġew "abbozzati mill-ġdid" mill-amministratriċi li nħatret Presidenta tal-Kumitat tal-Persunal tal-eu-LISA meta dan ġie kkostitwit, jiġifieri fil-5 ta' Novembru 2014. B'hekk, sa ċertu punt, huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li, tal-inqas, il-Presidenta l-ġdida tal-Kumitat tal-Persunal setgħet tesprimi l-opinjoni tagħha dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi qabel l-adozzjoni tagħhom.

61 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, permezz ta' ittra tas-16 ta' Ġunju 2014, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA kkonsulta lid-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni dwar, b'mod partikolari, l-istatus tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi. F'dan ir-rigward, permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni awtorizzat lill-eu-LISA sabiex tippreżenta l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Bord Amministrattiv tagħha sabiex jadottahom.

62 Barra minn hekk, minn naħa, kif tenfasizza b'mod rilevanti l-eu-LISA, il-proċedura ta' adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi ntemmet fit-18 ta' Ottubru 2014 mingħajr oġġezzjoni min-naħa tal-membri tal-Bord Amministrattiv kompost minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru u tal-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, il-Kumitat tal-Persunal, sa mill-ħolqien tiegħu, la talab, matul l-investigazzjoni inkwistjoni, li d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi jiġu eżaminati mill-ġdid u lanqas ma qajjem oġġezzjonijiet fir-rigward tal-formulazzjoni tagħhom.

63 Fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, jiġifieri li l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni, li l-Presidenta l-ġdida tal-Kumitat tal-Persunal irrevediet dawn id-dispożizzjonijiet u li l-Kumitat tal-Persunal qatt ma kien talab l-eżami mill-ġdid tal-imsemmija dispożizzjonijiet, in-nuqqas ta' osservanza tal-konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat tal-Persunal ma setax kellu effett fuq il-garanziji proċedurali li minnhom ibbenefika r-rikorrent.

64 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, għandu jiġi konkluż li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-eżistenza ta' rabta legali diretta bejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi u, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex stabbilita. Barra minn hekk, l-assenza ta' konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-investigazzjonijiet amministrattivi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 59 sa 62 iktar 'il fuq, ma jista' jkollha impatt la fuq il-kontenut tal-imsemmija dispożizzjonijiet, u lanqas, konsegwentement, fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

65 Għaldaqstant, l-ewwel motiv tar-rikors għandu jiġi miċħud.

[*omissis*]

c) Fuq it-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 12, 12a, 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u ta' "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni"

93 Fil-kuntest tat-tielet motiv tiegħu, ir-rikorrent iressaq diversi lmenti. L-ewwel ilment huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni". It-tieni lment huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal. It-tielet ilment huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[*omissis*]

2) Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal

124 Ir-rikorrent isostni li huwa manifestament ma kisirx l-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal u li l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, imwettqa fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, hija żbaljata u għandha twassal għall-annullament tagħha.

125 Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rikorrent isostni li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa strettament limitat għall-iżvelar ta' informazzjoni marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet. Issa, huwa ma ttrażmettiex lill-pulizija (ara l-punt 3 iktar 'il fuq) xi "informazzjoni" li sar jaf biha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, l-eu-LISA ma wrietx liema informazzjoni marbuta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tar-rikorrent ġiet żvelata. Ir-rikorrent iddikjara biss li kien qiegħed jibża' għall-integrità fiżika tiegħu u għal dik tal-familja tiegħu, fl-isfera privata tiegħu barra mill-eu-LISA.

126 Skont ir-rikorrent, huwa informa lill-eu-LISA minn qabel bl-aġir kundannabbli ta' A, kif jirriżulta mid-diversi messaġġi elettroniċi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali. Huwa b'mod partikolari l-fatt li huwa ma rċeviex tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni, li wasslitu, minn naħa, sabiex iressaq it-talba tiegħu għal assistenza u, min-naħa l-oħra, sabiex jinforma lill-pulizija bis-sitwazzjoni tiegħu, minħabba li kien qiegħed jibża' b'mod leġittimu għall-integrità fiżika tiegħu u għal dik tal-familja tiegħu.

127 Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rikorrent isostni li l-fatt li wieħed jagħmel dikjarazzjoni f'reġistru "ta' kuljum" – *a fortiori* dwar suġġett marbut mal-isfera privata – ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li "jiżvela […] fi proċeduri legali" informazzjoni li sar jaf biha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Skont ir-rikorrent, uffiċjal tal-pulizija jew persuna li teżerċita funzjoni amministrattiva għar-riċezzjoni tal-kummissarjat tal-pulizija ma jistax jiġi assimilat ma' awtorità ġudizzjarja. Minn dan isegwi li ma hemmx obbligu li titressaq talba għal awtorizzazzjoni lid-Direttur Eżekuttiv għall-preżentata ta' lment ġudizzjarju.

[*omissis*]

129 Preliminarjament, l-ewwel, għandu jitfakkar li l-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

"1. Uffiċjal għandu jżomm lura minn kull żvelar mhux awtorizzat ta' l-informazzjoni riċevuta waqt il-qadi ta' dmirijietu, sakemm dik l-informazzjoni mhux diġà magħmula pubblika jew hija aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Uffiċjal għandu jkompli jkun marbut b'dan l-obbligu wara li jitlaq mis-servizz."

130 L-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi kif ġej:

"Uffiċjal m'għandux, mingħajr il-permess tal-awtorità tal-ħatra, jiżvela għall-ebda raġuni, fi proċeduri legali informazzjoni li jaf biha minħabba dmirijietu. Il-permess għandu jkun rifjutat biss fejn l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu u t-tali rifjut ma jġibx konsegwenzi kriminali sa fejn l-uffiċjal huwa kkonċernat. Uffiċjal għandu jibqa' marbut b'dan l-obbligu wara li jħalli s-servizz.

Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw għal uffiċjal jew għal min kien uffiċjal li jagħti evidenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew quddiem Bord tad-Dixxiplina ta' istituzzjoni fuq kwistjoni li tikkonċerna aġent jew wieħed li kien aġent tal-Unjoni Ewropea."

131 It-tieni, mir-rapport finali tal-investigazzjoni u mill-verżjoni preliminari tal-konklużjonijiet tal-investigatur (ara l-punt 10 iktar 'il fuq), kif iċċitati mir-rikorrent fl-ilment tiegħu tad-9 ta' April 2020, jirriżulta dan li ġej:

"[I]l-membri tal-persunal tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jseħħu fuq il-post tax-xogħol, sempliċement jissottomettu l-kwistjoni lil awtorità ġudizzjarja esterna bħall-pulizija, u b'hekk jagħtu bidu għal forma ta' proċedura ġudizzjarja esterna. Dan it-tip ta' azzjoni f'tali ċirkustanzi jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra skont żewġ dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-Artikolu 17 l-Artikolu 19. Xejn ma kien jipprekludi [lir-rikorrent] milli jitlob tali awtorizzazzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra, li kieku seta' jikseb, iżda huwa ma għamilx hekk, minkejja li kien obbligat li jagħmel dan."

132 It-tielet, mid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment jirriżulta li kien ġie stabbilit li r-rikorrent kien mar għand il-pulizija Franċiża u li l-fatt li kien ittieħed dan l-approċċ minħabba li huwa kien qiegħed jibża' għall-integrità fiżika tiegħu jew għal dik tal-familja tiegħu ma kienx jikkontesta l-fatt li huwa la kien informa lill-eu-LISA minn qabel, u lanqas ma kien talab awtorizzazzjoni u li għalhekk kien kiser ir-Regolamenti tal-Persunal.

133 Fl-ewwel lok, għandu jiġi evalwat jekk l-Artikoli 17 u 19 jirreferux għall-każ fejn uffiċjal imur għand il-pulizija sabiex jirrapporta relazzjoni kunflittwali ma' kollega tax-xogħol.

134 F'dan ir-rigward, kien ġie deċiż li s-sistema ta' awtorizzazzjoni prevista mill-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal kienet intiża sabiex tippermetti lill-amministrazzjoni tiżgura li l-iżvelar ta' informazzjoni, li l-uffiċjal sar jaf biha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, ma jippreġudikax l-interessi tal-Unjoni, billi jaffettwa b'mod partikolari l-funzjonament u r-reputazzjoni tagħha. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha għalhekk l-għan li tqiegħed lill-amministrazzjoni f'pożizzjoni li tiżgura, fi żmien xieraq, li l-uffiċjali jirregolaw l-aġir tagħhom mal-interessi tal-istituzzjonijiet u mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 339 TFUE. Għalhekk, din is-sistema hija intiża, b'mod partikolari, sabiex tiġi ppreżervata r-relazzjoni ta' fiduċja li għandha teżisti bejn l-istituzzjonijiet u l-membri

tal-persunal tagħhom. L-implimentazzjoni tagħha teħtieġ l-ibbilanċjar tal-interessi differenti involuti sabiex jiġi ddeterminat liema mill-interessi tal-Unjoni jew mill-interess tal-pubbliku li jirċievi informazzjoni għandu jipprevali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2011, Strack vs Il-Kummissjoni, F-132/07, EU:F:2011:4, punti 71 u 72). Għalhekk, l-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa intiż sabiex ifakkar b'mod partikolari l-obbligu li għandu uffiċjal fir-rigward tal-osservanza tas-sigriet professjonali u jimponi, b'mod partikolari, l-obbligu li tintalab awtorizzazzjoni għall-iżvelar ta' informazzjoni li hija, min-natura tagħha, koperta bis-sigriet professjonali.

135 Minn dan isegwi li l-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal ma jkoprix il-każ fejn uffiċjal imur għand il-pulizija sabiex jirrapporta relazzjoni ta' kunflitt ma' kollega fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Ir-riferiment għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jinsab fid-deċiżjoni kkontestata, huwa għalhekk żbaljat.

136 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, hekk kif inhu ddefinit fl-ewwel sentenza tal-imsemmi artikolu, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, l-espressjoni "jiżvela […] fi proċeduri legali" li tinsab f'din id-dispożizzjoni tat lok għal verżjonijiet lingwistiċi differenti. Il-verżjoni Ingliża tuża l-espressjoni ġenerali "disclos[e] in any legal proceeding" (li jiżvela fi kwalunkwe proċedura), filwaqt li l-verżjoni Spanjola, dik Taljana u dik Ġermaniża jużaw, rispettivament, l-espressjonijiet iktar preċiżi "revelar en un procedimiento judicial" (li jiżvela fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji), "deporre in giudizio" (li jixhed) u "vor Gericht vorbringen oder […] aussagen" (li jippreżenta jew [jixhed] quddiem il-qorti).

137 Madankollu, minn naħa, ġie deċiż li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif iddefinit fl-ewwel sentenza tal-imsemmi artikolu, ma setax jingħata interpretazzjoni restrittiva fis-sens li dan huwa intiż esklużivament għall-każ tal-uffiċjal mitlub jixhed quddiem qorti. Fil-fatt, dan il-kamp ta' applikazzjoni jkopri s-sitwazzjonijiet kollha li fihom uffiċjal ikun imġiegħel jiżvela fi proċeduri legali, "għall-ebda raġuni", konstatazzjonijiet magħmula minħabba l-funzjonijiet tiegħu, mingħajr distinzjoni bejn l-użu ta' tali konstatazzjonijiet fil-kuntest ta' smigħ bħala xhud jew fil-kuntest tat-tressiq ta' kawża quddiem qorti nazzjonali, pereżempju, it-tressiq ta' akkużi kriminali (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2002, Ferrer de Moncada vs Il-Kummissjoni, T-74/01, EU:T:2002:158, punt 48). Is-sitwazzjoni ta' uffiċjal li jintalab jixhed quddiem qorti għaldaqstant ma tikkostitwixxix l-unika sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2002, Ferrer de Moncada vs Il-Kummissjoni, T-74/01, EU:T:2002:158, punt 49).

138 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li, f'diversi Stati Membri, il-pulizija jista' jkollha rwol ta' natura ġudizzjarja u, b'mod partikolari, taġixxi fuq talba ta' qorti. Barra minn hekk, il-fatt li wieħed jikkuntattja lill-pulizija jista' jkun neċessarju, jew saħansitra indispensabbli, sabiex tittieħed azzjoni ġudizzjarja. Fl-aħħar nett, rapport magħmul għand il-pulizija jista' jagħti lok għal konsegwenzi ġudizzjarji jew inkella jintuża għal finijiet ġudizzjarji.

139 Għalkemm għandu jiġi rrikonoxxut li, sa ċertu punt, l-Artikoli 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal it-tnejn għandhom l-għan li jiżguraw l-osservanza tad-dmir ta' diskrezzjoni u, għalhekk, li jinvolvu lill-istituzzjoni kkonċernata f'każ ta' żvelar 'il barra ta' informazzjoni li l-uffiċjal għandu minħabba l-funzjonijiet tiegħu, għandha madankollu ssir distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom. L-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa intiż sabiex jevita li jiġu affettwati l-funzjonament u r-reputazzjoni ta' istituzzjoni u huwa applikabbli fil-każ fejn uffiċjal ikun jixtieq jiżvela informazzjoni koperta, min-natura tagħha, mis-sigriet professjonali.

140 Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal ikopri l-każ fejn uffiċjal ikun jixtieq jiżvela f'proċeduri legali fatti marbuta ma' relazzjoni kunflittwali fuq il-post tax-xogħol li ma humiex, min-natura tagħhom, koperti mis-sigriet professjonali, iżda li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament u r-reputazzjoni ta' istituzzjoni.

141 Għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi espressament eċċezzjoni waħda għar-regola tal-awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed ikun jista' jiżvela fi proċeduri legali l-konstatazzjonijiet magħmula minn uffiċjal minħabba l-funzjonijiet tiegħu, jiġifieri meta l-uffiċjal jew l-ex uffiċjal jintalab jixhed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ta' istituzzjoni, fuq kwistjoni li tikkonċerna membru tal-persunal jew ex membru tal-persunal tal-Unjoni.

142 Barra minn hekk, mill-formulazzjoni restrittiva tat-tieni sentenza tal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara l-punt 130 iktar 'il fuq) jirriżulta li l-"interessi tal-Unjoni" li, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, jistgħu jiġġustifikaw rifjut ta' awtorizzazzjoni għal żvelar fi proċeduri legali ta' konstatazzjonijiet marbuta mal-funzjoni għandhom neċessarjament ikunu interessi ta' importanza kunsiderevoli u li għandhom natura vitali għall-Unjoni (ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2002, Ferrer de Moncada vs Il-Kummissjoni, T-74/01, EU:T:2002:158, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, il-każijiet ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni huma strettament limitati.

143 Fl-aħħar nett, minn dawn ir-riferimenti restrittivi tal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-assenza ta' formaliżmu meħtieġ sabiex jintalab l-awtorizzazzjoni għal żvelar fi proċeduri legali ta' konstatazzjonijiet magħmula minħabba l-funzjonijiet tiegħu jirriżulta wkoll li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal ma jistax ikun suġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel fis-sitwazzjonijiet li jkollhom ċertu livell ta' gravità u ta' urġenza, b'mod partikolari fil-każ ta' perikolu imminenti għall-uffiċjal jew għall-membru tal-persunal ikkonċernat.

144 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk, f'dan il-każ, ir-rikorrent kisirx l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ewwel, għandu jiġi kkonstatat li huwa ma jistax isostni li l-inċident li seħħ ma' kollega tax-xogħol, wara diskussjoni li saret b'mod, ċertament, dubjuż, għandu jitqies li ma għandux x'jaqsam mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan l-eu-LISA u li ma jissodisfax il-kriterju li sar jaf bih fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

145 F'dan ir-rigward, mid-deskrizzjoni tal-inċident tar-rikorrent stess jirriżulta li A rritorna fl-uffiċċju tiegħu sabiex jiddiskuti kwistjonijiet ta' xogħol ma' kollega ieħor u li r-rikorrent, mingħajr ma ġie mitlub minn A, intervjena fid-diskussjoni u b'hekk kien il-kawża tar-reazzjoni ta' A li kienet tikkonsisti f'li wera n-nuqqas ta' qbil tiegħu fir-rigward tal-intervent tiegħu u li jgħolli siġġu quddiemu.

146 It-tieni, għandu jiġi osservat li l-fatti deskritti mir-rikorrent lill-pulizija ma kinux diġà pubbliċi. B'hekk, ir-rikorrent kien obbligat jastjeni minn kull żvelar tas-sitwazzjoni li seħħet fl-uffiċċji tal-eu-LISA, waqt l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, mingħajr ma kien awtorizzat minn qabel.

147 It-tielet, fir-rigward tal-argument tar-rikorrent intiż sabiex jiġi sostnut li, konformement mal-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, f'messaġġ elettroniku tas-16 ta' Ġunju 2017, huwa kien avża lill-eu-LISA bil-kondotta ħażina ta' A, għandu jiġi osservat li l-fatti rrapportati mir-rikorrent lill-pulizija seħħew fid-19 ta' Ottubru 2018. B'hekk, l-imsemmi messaġġ elettroniku ma jistax jiġi kkunsidrat la bħala li eu-LISA ġiet informata minn qabel, u lanqas bħala talba għal awtorizzazzjoni fir-rigward tal-fatti li seħħew f'dik id-data.

148 Barra minn hekk, il-messaġġ elettroniku tar-rikorrent tad-19 ta' Ottubru 2018 li jirrapporta l-inċident li seħħ fl-istess jum ma' A la jinforma lill-eu-LISA dwar il-fatt li huwa kien beħsiebu jirrapporta l-inċident lill-pulizija u lanqas ma jinkludi talba għal awtorizzazzjoni f'dan ir-rigward.

149 Ir-raba', għandu jiġi osservat li, kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, ingħatat informazzjoni preċiża lill-pulizija Franċiża, li, hekk kif tippreċiża l-eu-LISA, ċemplet lill-uffiċċju tar-rikorrent u talbet tkellmu dwar il-fatti li huwa kien irrapporta dwar aġir aggressiv ta' A li kien heddu billi għolla siġġu.

150 Il-ħames, kif ġie indikat b'mod rilevanti fir-rapport finali tal-investigazzjoni, ma kienx hemm ostakoli sabiex ir-rikorrent jitlob awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-eu-LISA u sabiex jirċeviha. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li r-rikorrent ma kienx fil-preżenza ta' perikolu imminenti għalih u, min-naħa l-oħra, li l-possibbiltajiet, imsemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jiġi rrifjutat l-imsemmija awtorizzazzjoni kienu limitati ħafna (ara l-punt 142 iktar 'il fuq).

151 Minn dan isegwi li, anki jekk jiġi aċċettat li, f'ċerti ċirkustanzi, u, b'mod partikolari, sabiex jikkuntattja lill-pulizija sabiex jiġu rrapportati fatti li seħħew fuq il-post tax-xogħol, jista' jkun leġittimu li ssir deroga mis-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel prevista fl-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, dan ma kienx il-każ f'dan il-każ, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' perikolu imminenti għar-rikorrent.

152 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn ir-rikorrent, mingħajr ma talab awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-eu-LISA, żvela 'l barra minnha l-fatti li seħħew fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan l-eu-LISA, l-amministrazzjoni setgħet, ġustament, tqis li huwa kien kiser l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal.

153 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, it-tieni lment tat-tielet motiv huwa parzjalment fondat, jiġifieri sa fejn jinvoka żball ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, l-imsemmi żball, li jinsab fid-deċiżjoni kkontestata, ma jaffettwax il-legalità ta' din tal-aħħar u ma jistax iwassal, fih innifsu, għall-annullament tagħha. Fil-fatt, il-konstatazzjoni tal-ksur allegat fil-konfront tar-rikorrent, li jikkonsisti f'li ma talabx awtorizzazzjoni qabel ma mar għand il-pulizija, hija bbażata ġustament fuq l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) NV huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Gervasoni Madise Martín y Pérez de Nanclares

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-23 ta' Marzu 2022.

Firem